MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 34/2005

**ABC**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur ABC u l-konvenuta D BC xebba E zzewgu fil-hamsa (5) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001);

Permess illi l-partijiet m' ghandhomx tfal;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant tghid il-konvenuta ghaliex m' ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-hamsa (5) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001) fuq imsemmi hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament ingunta baqghet kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, il-lista tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [a][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Ottubru 2001; izda wara konvivenza qasira ta' disa' xhur ir-relazzjoni matrimonjali ta' bejniethom tant iddeterjorat li sseparaw de facto u sussegwentement iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Minn dan iz-zwieg ma twildux tfal.

Illi l-attur jispjega li l-partijiet kienu ilhom johorgu flimkien minn eta' pjuttost zghira, u wara gherusija twila, huwa ma riedx jizzewweg, izda kien kostrett mic-cirkostanzi li

jaghmel hekk. Jghid li huwa ma xtaqx jizzewweg u kien ghamel hekk fuq pressjoni minn membri tal-familja tieghu. Huwa kien esprima dan il-hsieb mal-hbieb qrib tieghu, u anke mal-konvenuta li minn naha taghha kienet tghidlu “issa tidhra.” Jghid li wara z-zwieg il-partijiet kienu jahdmu sieghat twal, u huma bdew ukoll johrogu mal-hbieb rispettivi taghhom. Jghid li “wara sitt xhur jiena mort lura ghand ommi ghax ma stajtx nibqa’ nghix f’ gidba … kont qomt darba filghodu u ghidtilha li kont ser nitlaq.” Wara ftit xhur il-partijiet isseparaw de facto.

Sussegwentement ghas-separazzjoni, il-konvenuta dahlet f’ relazzjoni ma’ ragel iehor li minnu kellha tarbija.

Illi l-konvenuta minn naha taghha, filwaqt li tikkonferma dak li qal l-attur, tghid li meta zzewget hi riedet tibni familja, u tghid li “jiena dejjem xtaqt familja, u kont nurih li dejjem xtaqt familja u dejjem ridt it-tfal, pero’ hu meta kont nghidlu kien jidhak, qabel iz-zwieg.” Meta sussegwentement ghaz-zwieg il-konvenuta kienet tinsisti ma’ l-attur biex jipprovaw ghat-tfal, dan kien juri riluttanza u kienu jispiccaw jillitkaw. Dan kien isehh “hafna drabi, sakemm fl-ahhar qalli [l-attur] li ma jridx ikompli r-relazzjoni taghna.” Il-konvenuta tikkonferma li fuq dan il-punt kien jiggieldu hafna.

Illi mill-provi mismugha l-Qorti hija tal-fehma li f’ dan il-kaz jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, da parti ta’ l-attur. Jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, l-attur, ghalkemm esternament kien ghadda minn ceremonja ta’ zwieg, huwa nternament eskluda b’ att posittiv tal-volonta’ tieghu l-konvivenza matrimonjali permanenti ma’ dik li kienet ser tkun martu; anzi l-Qorti thoss li huwa kien eskluda wkoll iz-zwieg innifsu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-

partijiet fil-5 ta’ Ottubru 2001. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------